# Rifless

Waħdi fis-skiet, taħt star iswed ikewweb,
għal għonq it-triq, sabiex intaffi s-sħana,
smajt ħsiebi jistaqsini: x'inhi l-ħajja,
għaliex qed ngħix, x'inhi d-dinja tagħna.

Waqqaft mixjieti, tqila u għażżiena,
flejt lil kull ġar, għarbilt li qrajt fi ktieb,
u wara pawsa twila u ħosbiena,
ħassejt li stajt inwieġeb l-ewwel ħsieb.

Id-dinja m'hix għajr palk miżgħud b'atturi
wiċċhom midluk b'irtokk ta' kull kulur,
kulħadd jaħdem għalih il-parti tiegħu,
sa jgħib minn ħarst l-għajnejn, għax kellu jmur

Hemm ftit qed jaħdmu l-parti tas-sinjuri,
il-kotra b'wiċċ imqit, b'geddum il-buri.
jidhru uħud b'seringa kollha dmija
u żgħażugħ vittma fl-art, f'anestesija.

Miżerji, gwerer, ġuħ, ulied iltiema,
suppervja, egoiżmu ssib kemm trid,
rebgħa, żina u semm, sultan kull viżżju,
tixwix, tnassis, żekżik...imħabba ftit.

**25.7.74.** **CHARLES MIFSUD.**